# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it-2 ta' Ottubru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 299/2023 CL

**Gordon's Moto Dealer Limited (C31490)**

**VERSUS**

**Soufian Abdullah Aljarari (KI nru 156659A)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-25 ta' Awwissu 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundannat jhallas is-somma ta' erbat elef, disa' mija u disa' disghin euro u disgha u disghin centezmu (€4,999.99), liema somma hija parti minn ammont akbar dovuta mill-intimat lis-socjeta' attrici. Din is-somma giet ridotta ai fini tal-kawza, liema ammont jirrapprezenta l-bilanc pendenti u minnu dovut in konnessjoni mal-bejgh lilu ta' (a) zewg KYMCO agility 16+scooters, (b) Honda PCX Scooter u (c) SYM Symphony, fl-24 ta' Marzu 2021 ( kif jirrizulta minn Dok GMD1, GMD2 u GMD3. L-ammont ghadu dovut u ma thallasx minkejja diversi interpellanzi. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 2866/2022[1], u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Novembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u ghalhekk fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2024, il-konvenut kien fl-istat ta' kontumaci. Xehed Gordon Micallef, Managing Director tas-socjeta attrici u ikkonferma li l-konvenut kien xtara tlett muturi f'dati differenti u ipprezenta tlett kuntratti bil-pagamenti li saru u l-bilanci li kien fadal, izda huma kienu qeghdin

[1] Foll 143

jitolbu €4999.99 ghalkemm kien hemm aktar dovut. Hu jghid illi fil-fatt ghal-ewwel il-konvenut beda jhallas izda waqaf il-pagamenti f'daqqa.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi ghalkemm deher aktar tard quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut ghalhekk, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2024.. Mid-dokumenti li gew pprezentati kif ukoll ix-xhieda ta' Gordon Micallef it-Tribunal jara li s-socjeta attrici irnexielha tipprova t-talba taghha ghal ammont ta' €4,999.99.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija u disa' disghin euro u disgha u disghin centezmu (€4,999.99) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mis-7 ta' Novembru 2022[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[2] Data tal-ittra ufficjali 2866/2022